MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 1145/2014

**Liftex S.R.L.**

**(Kumpannija registrata fl-Italja bin-numru 13198020151)**

**vs**

**Jeamik Lifts Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta’ Dicembru 2014 li jghid hekk:

(1) Illi s-socjeta ntimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' erbgha u erbghin elf, tliet mija erbgha u disghin ewro (€44,394.00) piu imghaxijiet u spejjez gudizzjarji, rapprezentanti prodotti kkonsenjati mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata fuq inkarigu tas-socjeta intimata stess, kopja tal-fatturi relattivi innumerati V110034, V110054, V1100286 u V1100297 qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok LX1', 'Dok LX2', 'Dok LX3' u 'Dok LX4', rispettivament;

(2) Illi minkejja illi s-socjeta intimata rrikonoxxiet id-debitu versu s-socjeta esponenti meta iffirmat skrittura datata 27 ta' Marzu 2012 intitolata "Subject: Outstanding overdue payment to M/S LIFTEX SRL", permezz ta' liema skrittura s-socjeta intimata accettat proposta tas-socjeta esponenti sabiex thallas id-dejn taghha permezz ta' skeda ta' pagamenti rateali, kopja ta' liema skrittura qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. LX5', l-istess socjeta intimata baqghet inadempjenti u sal-lum ghadha ma ghamlet l-ebda pagament;

(3) Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu ta' erbgha u erbghin elf, tliet mija erbgha u disghin ewro (€44,394.00) [piu imghaxijiet u spejjez], huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta rikorrenti, is-socjeta intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

(4) Illi s-socjeta intimata taf b'dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Ghaldaqstant, tghid is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et sequentia tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara lis-socjeta intimata vera, certa u likwida debitrici versu s-socjeta rikorrenti fis-somma ta' erbgha u erbghin elf, tliet mija erbgha u disghin ewro (€44,394.00) [piu imghaxijiet u spejjez];

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex minnufih thallas is-somma ta' erbgha u erbghin elf, tliet mija erbgha u disghin ewro (€44,394.00) lis-socjeta rikorrenti, bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha kontra lis-socjeta intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni,

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015;

Rat illi Dr. Marlon Borg ghas-socjeta attrici iddikjara li ma ghandux provi ohra oltre dawk li jinsabu fl-atti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-istess difensur legali tas-socjeta attrici fejn ikkonferma bil-gurament tieghu li l-kreditu ghadu kollu dovut kif mitlub;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' erbgha u erbghin elf, tlett mija erbgha u disghin ewro (€44,394.00), rapprezentanti prodotti ikkonsenjati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi rispettivi sal-gurnata tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------